MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 609/2010

**GAP DEVELOPMENTS p.l.c.** (C – 38040)

**Vs**

Robert **FERRANDO** u martu Philippa k/a Phyllis Ferrando

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-16 ta’ Ġunju, 2010, li bih is-soċjeta’ rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta’ l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin, biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma

ta’ tmienja u ħamsin elf mitejn u erbgħa u tletin ewro (€58,234) li tirrappreżenta l-ħlas minnhom dovut akkont tal-prezz tal-bejgħ ta’ immobbli fit-termini tal-klawsola 2.2(i) tal-att tal-konvenju tat-28 ta’ April, 2009. Talbet ukoll il-ħlas tal-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimati li, meta ssejħet il-kawża talbu permezz tal-avukat difensur tagħhom, li jitħallew jikkontestaw il-kawża;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Billi l-Qorti, b’degriet mogħti waqt is-smigħ tal-lum, ma sabitx li l-intimati tawha raġuni tajba biex jitħallew jikkontestaw il-kawża;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati;

Għalhekk, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

1) **Tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjeta’ attriċi** u taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ tmienja u ħamsin elf mitejn u erbgħa u tletin ewro (€58,234) rappreżentanti l-ħlas dovut skond l-att tal-konvenju fuq imsemmi, flimkien ma’ l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mit-Tlieta (3) ta’ Frar, 2010, sal-jum tal-ħlas effetiv;

3) **Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------